# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2280

Każ Nru 3088/FM

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

bejn

Aaron Cauchi

u

(1) Alf. Mizzi & Sons (HR) Ltd

(2) Logistics Ltd

*dwar tkeċċija mill-impieg allegata li hi nġusta*

Data: 26 ta' Marzu 2014

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat permezz ta' Rikors mill-Avv Joanne Vella Cuschieri tat-22 ta' Novembru 2012 f'isem Aaron Cauchi fejn dan qed jallega li kien ġie illegalment liċenzjat minn mas-Soċjetajiet Intimati Alfred Mizzi & Sons (HR) Ltd u Logistics Ltd. Is-Soċjetajiet Intimati li kienu rappreżentati minn Geraldine Gilford, *Human Resources Manager*, assistita mill-Avv Andrew Borg Cardona, jiċħdu dan.

Inżammu tmien seduti. Irid jingħad li ċ-*Chairman* odjern huwa t-tielet wieħed li qed jippresjedi peress li l-ewwel *Chairman* kienet irriżenjat wara r-raba' seduta u min irrimpjazzaha kienet astjeniet wara s-sitt seduta.

Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li meta dan il-każ ġie assenjat liċ-*Chairman* odjern f'Novembru 2013 it-terminu ta' xahar preskritt mill-istess Kap kien ġa skada peress li s-smiegħ tal-każ ilu għaddej għal iktar minn sena.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent kien liċenzjat fit-22 ta' Novembru 2012 allegatament għax insulenta klijenta u familjari tagħha waqt il-ħin tax-xogħol u quddiem estranei. L-inċident ġara fil-ħanut Spic & Span il-Gudja waqt li kien qed jagħmel xi *deliveries*. Ir-Rikorrent jiċħad dan u jgħid li jekk qal xi kliem li jidhru goffi dana saru b'ċajt peress li dawn il-klijenti kien jafhom ħafna u qishom ħbieb tiegħu.

**3. Konsiderazzjonijiet**

Il-fatti kif ġraw hemm qbil fuqhom. Jidher li r-Rikorrent meta mar jaqdi d-doveri tiegħu biex iqassam ix-xogħol tal-kumpanija qal xi kliem lill-iben il-klijenta fis-sens li dan sata' abbuża meta kien ġie kumpensat mill-kumpanijja fil-passat meta kien sofra xi korriment meta kien rikeb vettura tal-istess kumpanija. Il-konversazzjoni imbagħad jidher li ħadet svolta oħra bi kliem mhux floku jiġu skambjati bejn iż-żewġ persuni. Finalment jidher li r-Rikorrent spiċċa biex qal xi kliem xejn komplimentuż lill-iben il-klijenta u anke skond ix-xhud Peter Wirth (seduta 12 ta' Marzu 2013) ammetta li qallu "nirrah tikkankralu idejh". Il-punt huwa jekk il-kliem tar-Rikorrent, li hu jgħid li qalhom biċ-ċajt, kienux meħudin hekk mill-klijenti tal-kumpanija. Min dak li ntqal mix-xhieda dan ma kien minnu xejn għaliex il-klijenta tant ħassitha offiża li baqgħet tilmenta mad-diversi uffiċjali tal-kumpanija li marru jkellmuha. Għaldaqstant dak li jirritjeni r-Rikorrent li kull ma qal kien biċ-ċajt fil-fatt ma ġiex miftihem hekk u per konsegwenza saret ħsara kbira lill-kumpanija. Il-fatt li dan kollu sar quddiem nies li kien hemm fil-ħanut jirrendi dawn l-insulti iktar serji.

Il-Ftehim Kollettiv viġenti jikkunsidra insulti lill-klijenti bħala offiża tant serja li tista tiġi kastigata b'terminazzjoni tal-impieg (Ftehim Kollettiv paġna 36). Għaldaqstant dak li għamel ir-Rikorrent irid jiġi inkwadrat f'din l-ottika.

It-Tribunal ma jaqbel xejn ma' dak li ġie kwotat mill-abbli avukat tar-Rikorrent illi terminazzjoni ta' impieg irid ikun ġustifikat minn raġuni gravi u ripetuta. Dan ifisser jekk wieħed jaqbel mad-deċiżjonijiet li ġew ikkwotati illi jekk impjegat jisraq, jew jagħmel ħsara volontarja, jew jikkaġuna *harassment*, jew jiżvela informazzjoni kummerċjali jrid bilfors jirrepeti xi waħda minn dawn l-offiżi biex ikun jista jitkeċċa!

It-Tribunal imbagħad għadda biex jeżamina l-post li r-Rikorrent kellu mas-Soċjetà Intimata Logistics Ltd. Jidher li l-post *part time* li kien jokkupa ma' din is-soċjetà kien frott tal-post fiss li kellu mal-kumpanija prinċipali. Tant hu hekk li l-postijiet li nħolqu f'din it-tieni aġenda kienu avżati internament biex isir xogħol ta' *banding* bi ħlas bis-siegħa. Għaldaqstant jidher biċ-ċar li dan l-impieg kien dipendenti fuq l-impieg prinċipali. Jekk dan jispiċċa awtomatikament jispiċċa x-xogħol *part time* fil-kumpanija l-oħra.

## 4. Deċiżjoni

It-Tribunal Industrijali jiddeċidi li l-liċenżjament tar-Rikorrent Aaron Cauchi minn mas-Soċjetajiet Intimati Alf Mizzi & Sons (HR) Ltd u Logistics Ltd kien għal raġuni ġusta u suffiċjenti.

B'hekk jintemm dan il-każ.

## 5. Drittijiet

Ai termini tal-Avviż Legali 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet ta' min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja